# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 144/2014**

Il-Pulizija

vs

**Reginald Bugeja**

**Omissis**

iben Paul , imwieled Rabat, fil-15 ta' Novembru, 1972, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 505272(M)

Illum l-20 ta' Marzu 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Reginald Bugeja akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, qabel it-23 ta' Marzu, 2000, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. It-tnejn flimkien, f'Birkirkara, nhar il-21 ta' Marzu, 2000, filghodu, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom magna tal-café' liema oggetti huma stmati li jiswew aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) mill-lukanda Wignacourt Hotel, u dan ghad-dannu tal-familja Borg Ghigo, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u lok;

2. U aktar talli Reginald Bugeja wahdu, f'Birkirkara, fit-22 ta' Marzu, 2000, matul il-gurnata, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom seba' televisions tal-kulur u apparat iehor, li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00), izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) mill-lukanda Wignacourt Hotel, u dan ghad-dannu tal-familja Borg Ghigo liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u lok;

3. U aktar talli Reginald Bugeja wahdu, matul dan l-ahhar xahar, f'Had Dingli, u qabel it-22 ta' Marzu, 2000, ghall-habta tal-5.30pm, ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla mhux maghrufa minn gewwa karozza, liema stereo huwa stmat li jiswa aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) u dan ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin, u xorta tal-haga misruqa;

4. U aktar talli Omissis wahdu, f'Santa Venera, nhar it-23 ta' Marzu, 2000, filghodu, ikkometta serq ta' diversi ghodod minn gewwa garaxx bl-isem ta' St Michael's Garage, li huwa sitwat fi Triq il-Kanun, Santa Venera, liema ghodod huma stmati li jiswew aktar minn mitt lira Maltin (Lm100.00) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00), u ghad-dannu ta' John Debattista minn Santa Venera, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u valur;

5. U aktar talli Omissis wahdu, nhar it-23 ta' Marzu, 2000, f'Malta, u bi bnadi ohra, u fil-Kalkara, ghall-habta ta' 1.15pm, saq vettura tal-ghamla Skoda bin-numru tar-registrazzjoni KAL735 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghaldaqstant ma kinx kopert b'assigurazzjoni ghal terzi persuni;

6. U aktar talli Omissis wahdu, huwa recidiv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi;

7. U aktar talli Reginald Bugeja wahdu, huwa wkoll recidiv b'diversi sentenzi li huma definittivi, kif ukoll talli kkommetta reat tul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-27 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 271, 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabitu hati tal-ewwel u raba' akkuzi. Rat ukoll illi fl-istess sentenza, m'hemm ebda forma ta' identita' tal-imputat, u lanqas ma ngabet tali prova. Rat ukoll is-sentenza l-ohra ezebita fil-konfront ta' Reginald Bugeja huma ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, jew emmenda – allura mhix applikabbli r-recediva.

Konsegwentement, gie liberat minn dawn iz-zewg addebitati taht l-Artikolu 28A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 18, 17, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ikkundannat lil Reginald Bugeja ghal piena karcerarja ta' zmien tmintax(18)-il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant Reginald Bugeja minnu pprezentat fit-8 ta' April, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie lliberat minn l-ahhar akkuza ta' recediva u ta' reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza *[markata numru tmienja* 8] u inkwantu ghall-akkuzi fejn instabet htija u thassarha u tirrevoka billi tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi l-aggravju prinċipali u uniku jikkonsisti dwar il-piena u dana peress illi l-esponenti ghandu diversi sottomissjonijiet xi jghid dwar dan il-punt. Ibda biex l-esponenti jikkontendi illi hawn l-Qorti ghandha quddiemha kaz li jmur lura ghas-sena 2000 ossia f'Marzu u cioe erbatax [14] il-sena ilu. Illi hawnhekk l-esponenti jaghmilha cara li huwa ma' huwiex qed jattribwixxi d-dewmien ghal xi hadd, anke peress li xi minn daqqiet d-dewmien kien anke fl-istadju tad-difiza attribwibli ghal differimenti li talbet l-istess difiza. Illi pero xorta wahda hawn ghadna kaz li jmur ghal erbatax [14] il-sena ilu, liema kaz gie investigat mill-pulizija u ghazlu huma meta l-kaz effettivament jibda quddiem il-Qrati taghna. Illi d-dewmien hawnhekk jilghab parti importanti hafna u dana peress illi tul dana t-trapass tas-snin, effettivament l-esponenti totalment irriforma ruhu b'l-aktar mod totali. Illi dan il-fattur johrog b'l-aktar mod car anke mix-xhieda li ressaq l-appellanti l-aktar Dr. Joseph Spiteri li xehed li l-appellanti kellu problema kbira ta' konsum ta' droga u li huwa fis-snin li ghamel gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin kien hareg minn dina l-problema u li huwa ma' kienx ghadu b'dana l-vizzju. Illi ghalhekk una volta li ma' nstabitx htija tal-ahhar akkuza ossia tar-recidiva/perjodu operattiv ta' sentenza operattiva, allura setghet bid-dovut rispett gharfet illi hawn il-piena ta' habs effettiv ma' kienitx wahda applikabbli u dana fl-interess tal-fatt li ir-riforma tal-appellanti kellha tigi mharsa u kustodita u mhux li nergghu nitfghu lill-esponenti l-habs minhabba l-fedina penali tieghu.
>
> Illi jinghad ukoll li l-appell u t-talba tal-esponenti qed issir b'tant akkaniment fid-dawl tal-fatt li l-ko-akkuzat li kien mieghu kien lliberat minn kull akkuza li kellu

kontra tieghu u anke fid-dawl tal-fatt illi l-oggetti allegatament misruqa kellhom valur rizorju u anke 'nsterqu inkwantu ghall-magna tal-cafe u t-televisions minn Lukanda li kienet kwazi kwazi abbandunata;

Illi di piu` l-Ewwel Qorti ghamlet accenn kbir fuq il-kondotta [fedina penali] tal-akkuzat. Illi kif spjega l-esponenti dana mhux kkontestat peress li verament l-esponenti kellu u ghandu fedina 'gmielha' izda jinghad li l-esponenti patta ghal hazin li ghamel dejjem anke b'sentenzi ta' habs effettiv. Mhux biss izda fil-kaz in ezami, l-esponenti sahansitra qal lill-Pulizija dwar serqa ta' stereo li anqas biss kien investigat dwarha!

Illi llum il-gurnata, l-esponenti wara li ghamel dak kollu li ghamel biex jinqala mill-problemi li kellu, certament li jisthoqlu li alumenu dwar dan il-kaz ma' jinghatax perjodu ta' habs effettiv izda li jinghata piena se ma; ta' prigunerija sospiza sabiex tigi indirizzata l-kwistjoni li jekk l-esponenti jerga f'pessima ipotesi jaqa lura ghall-hajja li kellu allura jkollu kundanna fuq rasu sabiex huwa jibqa miexi fit-triq it-tajba. Illi certament li f'dan l-isfond l-Qorti tal-Appell ghandha tqis dina s-sitwazzjoni ta' bniedem li qatta′ snin il-habs u li hawn si tratta ta' kaz ta' erbatax [14] il-sena ilu! Illi ghal dawna r-ragunijiet, l-esponenti jidhirlu bid-dovut rispett li is-sentenza appellata timmilita li tigi modifikata u mibdula;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ukoll is-social inqury report redatt mill-uffiċjal tal-probation Saviour Lia eżebit in atti fl-istadju tar-reviżjoni.[1]

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet fl-istadju ta′ reviżjoni quddiem din il-Qorti kif diversament ippreseduta u datata l-11 ta′ Ottubru 2016 fejn semgħet lill-partijiet

[1] Folio 604 tal-atti proċesswali.

jiddikjaraw illi kienu ser joqgħodu fuq t-trattazzjoni kif diġa traskritta, salv għall-fakulta tal-appellant li jagħmel sottomissjonijiet bin-notifika lill-Avukat Ġenerali jekk iħoss il-ħtieġa.[2]

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena imposta fuq l-appellant Bugeja li fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva mhux tant minhabba l-quantum ta' prigunerija impost fuqu, izda ghaliex huwa tal-fehma illi ghal diversi fatturi b'mod ewlieni it-trapass taz-zmien mill-kummizzjoni tar-reat f'liema zmien huwa irriforma ruhu, l-Ewwel Qorti kellha tfittex l-aspett reformattiv tieghu billi timponi piena alternattiva ghal dik tal-inkarċerazzjoni effettiva.

Fil-fehma  ta'l-appellant billi dan il-każ ilu għaddej diversi snin senjatament mis-sena 2000 meta ġew kommessi r-reati li bihom ġie mixli, dan id-dewmien, għandu jimmilita favur tieghu.  In oltre l-appellant jgħid ukoll illi hu llum il-ġurnata rrijabilita' ruħu kompletament mill-vizzju tad-droga, liema vizzju kien wassal ghal kummissjoni tar-reati li dwarhom hwua gie mixli flimkien ma' diversi reati oħrajn konsistenti prinċiplament f'reati ta' serq u ohra relatati mad-droga u dan skond kif tixhed il-fedina penali tiegħu li ġiet deskritta bħala waħda kkulurita sew.  Jibza' l-appellant illi jekk jerġa jiġi nkarċerat hu ser jitlef dak li ggwadanja u potenzjalment ser jidhol  fir-riskju li jaqa' fiċ-ċirku vizzjuz li kien mifni fiħ.  Mhux biss izda ighid l-appellant illi l-ko-akkużat mixli flimkien mieghu ħareġ illiberat mill-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u dan ghaliex l-piż u r-responsabbilta' tal-każ waqa kollu fuqu.  Finalment l-appellant jishaq illi gjaldarba huwa ġie lliberat kemm mill-addebitu tar-reċidiva kif ukoll mill-ksur tas-sentenza sospiza, huwa kandidat idonju sabiex jinghata piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija tenut

[2] Ara verbal a folio 640 datat it-18 ta' Jannar 2019.

kont tal-fatt ukoll li kien ikkoperali mal-pulizija tul l-investigazzjonijiet, tant li kien hu li nfurmahom *di sua sponte* dwar r-responsabbilta' tiegħu f'serqa ta' *stereo* minn vettura madwar għaxar t'ijiem qabel li ġie nterrogat.

Ikkunsidrat:

Illi mill-qari tas-sentenza appellata jidher illi l-Ewwel Qorti erogat piena karċerarja ta' tmintax il-xahar minhabba l-fedina penali refrattarja tal-appellant li giet deskritta bħala waħda 'mmens allarmanti'. Din il-Qorti filfatt osservat u fliet il-kontenut ta' din il-fedina fejn jidher li l-appellant kien beda jxellef dufrejgħ mal-ġustizzja mill-eta' ta' sittax il-sena, komportament x'aktarx attriwibbli għall-problemi personali illi bdew lura meta miet missieru, u dan meta l-appellant kellu l-eta' tenera ta' għaxar snin, liema mewta halliet impatt negattiv għall-perijodu ta' żmien.[3] Jidher infatti li l-appellant sab serhan u rifugju fid-dinja tad-droga li sfortunatament wasslet sabiex ħajtu iddeterjorat tant illi waqa' fix-xibka tal-kriminalita' u spiċċa jikkometti diversi serqiet tul medda ta' żmien sabiex imantni l-vizzju tiegħu. Jidher ukoll mill-kontenut ta' din il-fedina penali kif aġġornata illi l-aħħar kundanna fil-konfront tal-appellant tirrisali ghas-sena 2012 u mill-analiżi tar-reati kommessi minnu prinċipalment konsistenti f'reati relatati mad-droga u serq, hu kien għadu għaddej fil-ħajja ta' kriminalita' sas–sena 2006 u ċioe 6 snin wara li kien ikkometta r-reati li bihom ġie mixli f'dan il-każ.

Illi l-qrati taghna ripetutament sostnew illi sabiex il-Qorti tal-Appell tvarja l-piena li tkun imposta mill-Ewwel Qorti irid ikun hemm imposizzjoni ta' piena li tkun barra mill-parametri legali jew irregolari skond id-dettami applikati għal każ li jkun. Infatti skond

---

[3] Ara r-rapport ta' Marietta Lanzon a folio 399 et seq kif ukoll dik ta' Saviour Lia a folio 604.

dak dispost fis-sentenza tal-appell fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Attard[4] il-Qorti kkunsidrat illi:

> **'il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi. Gieli ikun hemm varjazzjoni tal-piena meta l-Qorti tkun moralment konvinta li hekk ikun mehtieg sabiex ma tintilefx xi opportunita' ghall-hati li biha jkun jista' jerga' jirritorna fit-triq it-tajba, jew jirriforma ruhu, jew jfieq u johrog minn xi abbuz, bhal ma huwa dak tad-droga.'**

Bl-istess mod fl-appell fl-ismijiet Pulizija vs. Massimiliano Maurizio[5] l-Qorti ddikjarat illi:

> **'Mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. F'kaz ta' appelli dwar il-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt'.**

Illi l-appellant fil-fatt jikkontendi illi r-riforma tieghu sehhet tul it-trapass taz-zmien twil li damu ghaddejjin dawn il-proceduri fil-konfront tieghu u li allura jkun ingust jekk wara li l-kaz dam ghaddej ghal madwar tmintax-il sena huwa jispicca inkarcerat minhabba nuqqas kommess zmiwn twil ilu f'liema zmien hajjtu inbiddlet kompletament. Fl-appell fl-ismijiet Pulizija vs Farrugia Nikola, Bugeja John U Bonello Loreto ġie kkunsidrat is-segwenti:

> **Il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati. Jista' pero ' f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena...It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in**

---

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri mill-Imħallef Patrick Vella, nhar is-26 ta' Jannar 2001.

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri mill-Imħallef Joe Galea Debono, nhar it-13 ta' Novembru 2003. Ara wkoll Pulizija vs Guido Whitelaw et deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2007, Repubblika ta' Malta vs David Vella deċiża fl-14 ta' Ġunju 1999 u Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina deċiża nhar l-24 ta' April 2003 fost oħrajn.

**parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.**[6]

Ikkunsidrat:

Illi m'hemm l-ebda dubbju li l-ewwel Qorti effettivament imponiet piena li kienet fil-parametri tal-liġi. Lanqas m'hemm dubbju li l-passat kriminali tal-appellant huwa wieħed inkwetanti u li huwa mistenni li jwieġeb għal għemilu f'dan il-każ ukoll. Madankollu din il-Qorti fliet bir-reqqa r-rapporti tal-uffiċjali tal-probation u l-konklużjonijiet tagħhom u ħadet qies tat-trapass taż-żmien ta' kważi dsatax il-sena minn mindu dawn ir-reati ġew kommessi, liema dewmien f'ebda mod m'hu qed jiġi attribwit lil parti jew oħra u li ġie kkaġunat minn diversi fatturi. Matul dan iz-zmien twil jidher li l-appellant għamel sforz sabiex joħroġ mill-vizzju tad-droga u nfatti llum il-ġurnata jinstab f'relazzjoni stabbli ma persuna u m'għadux jabbuża mid-droga u konsegwentment jidher li qabad it-triq it-tajba. Konsiderati allura dawn il-fatturi kollha din il-Qorti wisq tibza' li jekk l-appellant jerġa jiġi inkarċerat jista jkun hemm ir-riskju ta' 'relapse' fl-abbuż tad-droga li tista' terġa titfgħu lura fil-ħajja tal-kriminalita'. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti ikun aktar utli kemm għaliħ kif ukoll għas-soċjeta illi l-appellant jiġi segwit minn barra l-konfini tal-ħabs sabiex jiġi aċċertat li hu ħeles kompletament mill-vizzju tad-droga u ukoll sabiex ikollu dak is-sostenn psikoloġiku bl-għajnuna ta' psikjatra jew counsellor.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi illi tilqa l-appell ta' Reginald sive Rennie Bugeja b'dana illi filwaqt li tikkonferma l-ħtija tal-appellant kif misjub mill-Ewwel Qorti, tirriforma l-piena inflitta billi minflok dik ta' tmintax-il xahar prigunerija u wara li

---

[6] Deċiża nhar it-2.10.2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef Joe Gelea Debono.

rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-appellant jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' tlett snin (3) mil-lum, b'dan illi huwa ghandu isegwi pjan ta' kura ghal vizzju ta' droga u ukoll ghal problemi psikologici li huwa afflitt minnhom.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' din l-Ordni jew inkella jekk jikser xi kundizzjoni imposta fuqu fl-istess Ordni.

Edwina Grima
Imhallef